25 ta' April, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Rev. Don Luigi Micallef ne.** ***versus*** **Carmelo Thake ne. et.**

**Reġistru tal-Istampa — Ġurnal — Rivista — Rappreżentanza Ġudizzjali — Illeġittimità tal-Persuna — Interess — Publikazzjoni — Prim Ministru — Ministru — Art. 40 u 65 tal-Kap. 117 — Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 315/1947**

*Kull wieħed mill-Ministri tal-Gvern għandu nteress li jkun f'kawża li tirrigwarda xi wieħed mid-dikasteri li huma assenjati lilu; u għalhekk, f'kawża li ssir kontra r-Reġistratur tal-Istampa, il-Prim Ministru, bħala kap ġerarkiku ta' dak l-uffiċjal, għandu nteress li jkun preżenti f'dik il-kawża, jekk id-dipartiment li tiegħu dak l-uffiċjal huwa l-kap jinsab fost id-dipartimenti li huma assenjati lil Prim Ministru.*

*Il-gazzetti u rivisti li joħorġu kull xahrejn jew iżjed jitqiesu li jkunu waqqfu l-publikazzjoni tagħhom jekk ma jkunx ħareġ ebda numru minnhom matul iż-żmien ta' tnax il-xahar wara xulxin.*

*"Publikazzjoni" tfisser kull att li biħ kull stampat jiġi jew jista' jiġi imgħarraf lil persuna; u għalhekk il-fatt li l-editur tal-gazzetta jew rivista jonqos mill-obligu tiegħu skond il-liġi li jikkonsenja, mhux aktar tard mill-għada tal-publikazzjoni, kopja tal-gazzetta jew rivista lill-persuni ndikati mill-liġi, fosthom ir-Reġistratur tal-Istampa, ma jfisserx illi l-ġurnal jew rivista ma komplewx jiġu publikati, u dawn ma għandhomx għalhekk jiġu mħassra mir-Reġistru tal-Istampa. In-nuqqas ta' dik il-konsenja tal-kopji tirrendi lill-editur passibili għall-penali komminata mill-liġi, u mhux għat-tħassir mir-Reġistru tal-Istampa.*

*Jekk il-publikazzjoni tkun fil-fatt saret, tista' tiġi pruvata b'mezzi oħra, u mhux neċessarjament bil-prova tal-konsenja tal-kopji lill-persuni ndikati mill-liġi; b'mod li, jekk tiġi pruvata l-publikazzjoni, il-ġurnal jew rivista ma għandhomx jitħassru mir-Reġistru tal-Istampa, avvolja l-editur ma jkunx ikkonsenja kopja tagħhom lir-Reġistratur tal-Istampa.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur nomine, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi b'Notice stampata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' April 1957, fuq il-firma tal-konvenut Thake nomine, liema Notice qegħedha hawn eżibita u markata Dok. "A", ir-rivista "Pro Sacerdotibus Christi" ġiet imħassra mill-Press Register għat-termini tan-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 315 tal-4 ta' Lulju 1947; u peress li l-imsemmija rivista ġiet dejjem publikata regolarment, u qatt ma kisret il-Press Ordinance rigward publikazzjoni skond il-liġi; talab illi jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti, wara, jekk ikun hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li r-rivista "Pro Sacerdotibus Christi" ġiet dejjem regolarment publikata, illi l-imsemmi kanċellament tar-rivista "Pro Sacerdotibus Christi" mill-"Press Register" huwa bla ebda bażi, u għalhekk ma huwa ta' ebda siwi u effett. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha ssottomettew (1) illi l-Onorevoli Prim Ministru Dominic Mintoff ma għandu ebda nteress ġuridiku fil-kawża, peress li l-amministrazzjoni tal-Liġi tal-Istampa hija mħollija lill-Press Registrar, l-inklużjoni tiegħu fiċ-ċitazzjoni hija vessatorja, u għandu jiġi maħruġ mill-kawża, bl-ispejjeż kontra l-attur; (2) fil-meritu, illi l-konvenut Carmelo Thake nomine jirrimetti ruħu għall-provi; biss, fi kwanlukwe każ, jipprotesta ruħu għall-ispejjeż tal-kawża, peress illi l-kanċellament kien dovut għall-ksur ripetut ta' żewġ liġijiet da parti tal-attur, li naqas li josserva l-obligi tiegħu li jibgħat kopji tar-rivista lill-Press Registrar, lill-Attorney General, lill-Pulizija, u lill-Librarian;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preġudizzjali li l-konvenut Onor. Mintoff, bħala Prim Ministru, ma għandux interess ġuridiku fil-kawża;

Illi, kif jidher mill-verbal fol. 14, id-dipartiment li tiegħu l-konvenut huwa l-Press Registrar jaqa' taħt id-dikasteru tal-Prim Ministru, Onor. Dominic Mintoff, li, kif xehed Thake, huwa l-kap ġerarkiku tiegħu (fol. 33). Issa, skond ma rriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Onor. Avv. Enrico Mizzi ne. vs. Onor. Prof. Sir Augusto Bartolo", deċiża fit-30 ta' Ġunju 1933, "ogni singolo ministro, di fronte agli ufficiali che compongono l'organizzazione del dicastero a cui egli è preposto per la amministrazione, è il capo amministratore; e di fronte al Parlamento e al pubblico ne porta tutta la responsabilità interessante il governo nell'esplicamento delle funzioni relattive a quel dicastero" (Kollez. XXVIII-I-463); u għalhekk l-interess tal-konvenut Onor. Mintoff huwa evidenti. U għalkemm huwa fil-kwistjoni odjerna ma ndaħalx, u lanqas ma kien jaf biha qabel ma saret il-kawża (fol. 33), huwa ma jistgħax jingħad li ma għandux fiha ebda nteress, molto pjù li si tratta li wieħed jiddefendi, jekk mhux il-validità, almenu l-interpretazzjoni tan-Notifi-

kazzjoni tal-Gvern nru. 315/1947, li fuqha hija bażata l-prattika *sal-lum osservata f'dak id-Dipartiment. Għaldaqs*tant, il-preġudizzjali fuq opposta mhix sostenibbli;

Illi, fil-meritu, ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet li r-rivista "Pro Sacerdotibus Christi" taqa' taħt l-Ordinanza dwar l-Istampa (Kapitlu 117 tal-Liġijiet ta' Malta), u li l-attur huwa l-editur ta' dik ir-rivista;

Illi l-kontendenti ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni *tal-imsemmija Notifikazzjoni tal-Gvern; għaliex, mentri* l-attur isostni illi l-obligu tal-konsenja tal-kopji tar-rivista huwa ntiż għall-finijiet tal-awtentiċità tagħhom, u mhux għall-prova tal-publikazzjoni, li tista' ssir bil-mezzi kollha permessi mill-liġi, il-konvenuti, minn naħa tagħhom, jippretendu illi din il-publikazzjoni hija pruvata biss bil-konsenja ta' dawk il-kopji, b'mod li fin-nuqqas ta' konsenja għandu dejjem jiġi ritenut li l-publikazzjoni ma saretx;

*Illi, skond* l-imsemmija Notifikazzjoni, magħmula mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur bis-saħħa tal-art. 65 tal-Ordinanza dwar l-Istampa (Kapitlu 117), "il-gazzetti reġistrati li jwaqqfu l-publikazzjoni għandhom jitħassru mir-Reġistru ......u l-gazzetti l-oħra (fosthom dawk, bħar-rivista in kwistjoni, li joħorġu kull xahrejn jew iżjed) jitqiesu li jkunu waqqfu l-publikazzjoni, jekk ma jkunx ħareġ ebda numru minnhom matul iż-żmien ta' tnax il-xahar wara xulxin";

Illi, għall-finijiet tal-Liġi tal-Istampa, u preċiżament skond id-definizzjoni mogħtija fl-art. 3, "publikazzjoni" tfisser kull att li bih kull stampat jiġi jew jista' jiġi kommunikat jew imgħaraf lil persuna. Issa, mill-provi rriżulta li l-publikazzjoni tar-rivista saret regolarment; saret ukoll id-distribuzzjoni tagħha lill-abbonati; u san-numru 39 saret ukoll li-konsenja tal-kopji lir-Reġistratur tal-Istampa. Wara dak in-numru, minħabba xi ċirkustanzi, dik il-konsenja waqfet, għalkemm il-publikazzjoni u d-distribuzzjoni komplew regolari;

Illi, skond l-art. 40 tal-Ordinanza dwar l-Istampa, jekk l-editur ta' gazzetta ma jagħtix kopja tagħha, fost oħrajn, lill-Press Registrar, mhux iżjed tard mill-għada tal-publikazzjoni tagħha, jeħel penali ta' 5s. għal kull kopja li jonqos li jagħti; jiġifieri, skond il-liġi prinċipali, dan in-nuqqas ma jwassalx għat-tħassir tal-gazzetta mir-Reġistru; u ma setgħax ikun mod ieħor, għaliex skond l-art. 39(2) ir-Reġistratur għandu jħassar il-gazzetta mir-Reġistru, jew b'talba tal-editur tagħha jew b'ordni tal-Qorti; u l-ebda wieħed minn dawn iż-żewġ każi ma jirrikorri fil-fattispeċje taħt eżami;

Illi, però, il-konvenuti jippretendu li l-imsemmija Notifikazzjoni għandha tiftiehem fis-sens illi fin-nuqqas ta' konsenja tal-kopji lir-Reġistratur tal-Istampa, il-gazzetta għandha titħassar mir-Reġistru. Issa, dik in-Notifikazzjoni titkellem dwar "publikazzjoni"; u din għandha tiftiehem skond id-definizzjoni mogħtija fl-art. 3 fuq ċitat; bil-konsegwenza illi, jekk il-publikazzjoni ssir u tiġi pruvata, anki fin-nuqqas ta' konsenja, il-gazzetta ma titħassarx mir-Reġistru. Dik in-Notifikazzjoni saret bis-saħħa ta' "enabling law" kontenuta fl-art. 65 (recte 66) tal-liġi prinċipali, u bħala tali ma tistgħax toħroġ mill-limiti ta' din il-liġi, jew tikkontraddiċi għall-istess liġi, jew toħloq projbizzjoni ġdida, u wisq anqas tikkontempla vjolazzjonijiet ġa kontemplati fil-liġi prinċipali (v. Kollez. XXIX-IV-697; XXXVI-IV-772 u 787; XXXIII-IV-741; u XXXVIII-I-sez. l.ma.-61). Issa, l-Ordinanza dwar l-Istampa tiddefinixxi l-"publikazzjoni" ta' gazzetta, kif ukoll tikkontempla u tissanzjona fl-art. 40 in-nuqqas ta' konsenja tal-kopja tal-gazzetta lill-Press Registrar; u għalhekk in-Notifikazzjoni fuq riferita, li saret bissaħħa ta' dik l-Ordinanza, għandha tiftiehem u tiġi nterpretata konformement; inkella hija tkun "ultra vires";

Illi l-konvenuti jippretendu wkoll li dik in-Notifikazzjoni saret sabiex il-liġi prinċipali jkollha l-eżekuzzjoni tagħha kif jingħad fl-art. 66 tal-istess liġi; iżda, apparti l-fatt li n-Notifikazzjoni ġiet emanata bis-saħħa tal-art. 65,

li jikkontempla każ divers, il-liġi jista' jkollha l-eżekuzzjoni tagħha m'hux biss bis-sanzjoni kontemplata fl-art. 40, imma ankè billi tiġi provokata ġudizzjarjament il-prova tal-pubblikazzjoni tal-gazzetta, kif sar anki fil-kawża odjerna u għalhekk, billi l-liġi ma tagħtx lil-Gvernatur is-setgħa li jagħmel "kull xorta ta' regolamenti fid-diskrezzjoni tiegħu", imma dawk biss relattivi għall-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Ordinanza prinċipali, għandu jiftiehem illi l-Gvernatur ma riedx jitbiegħed minn dawk id-dispożizzjonijiet; u kwalunkwe interpretazzjoni tal-imsemmija Notifikazzjoni għandha normalment tkun konformi għal dawk id-dispożizzjonijiet;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, lanqas din il-pretensjoni tal-konvenuti ma hija sostenibbli;

Illi, dwar il-kap tal-ispejjeż, dan għandu jiġi temperat, għar-raġuni illi, għalkemm il-publikazzjoni tar-rivista saret regolarment, il-prova relativa saret unikament fil-kors ta' din il-kawża;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad il-preġudizzjali opposta mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tilqa' d-domanda tal-attur, iżda l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa, u d-dritt tar-Reġistru jitħallas bin-nofs.